**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-16

**Data:** 19 ta' Jannar 2016

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata
- Vincent Bongailas – Kunsillier gie skuzat

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Dicembru 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

**3.Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 1.16);**

Punt 4.6 – Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill illi wara li intbgħatet ittra lill-persuna kif ġie issuġerit mill-Avukat tal-Kunsill, li kienet qed tfittex il-Kunsill għal rifużjoni tad-danni li kienet għamlet fil- karozza minħabba kurduna imkissra ġewwa il-Kalkara, dan l-istess persuna reġa staqsa lil Kunsill biex terġa tiġi kunsidrata id- deċiżjoni li kienet intbgħatet lilu minħabba raġunijiet li kiteb fl-istess ittra li bgħat.

Il-Kunsill qabel illi għandu jerġa jieħu parir legali minħabba il fatt illi fil-fehma tagħhom m'għandux raġun .

Punt 4.8 – Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Maria Sultana għarrfu lill-Kunsill kollu illi l-attivita' tal-Karnival li kienet issir is-soltu għal ammont ta' €700 ġiet irrevokata għal attivita' oħra li ser tiġi tiswa madwar €200 lill-Kunsill wara li s-Seg.Eżek. kienet infurmat il-Kunsill illi il- Kunsill ma kienx jiflaħ spiża ta' €700 minħabba problemi ta' finanzi in ġenerali.

L-attivita' qed tiġi 'mtella mill-Kunsilliera Maria Sultana bħas soltu.

Punt 4.9 – Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar nies li ġew innominati mill-Kunsilliera aktar qabel fis-Sena 2015 li fil-fehma tagħhom huma nies / artisti fil-lokal li jistgħu jagħmlu parti mill-proġett MUŻA.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tgħaddi dawn l-ismijiet lill-kordinatriċi ta' dan il-proġett fejn din ser tkun qed tiggwida il- Kunsill jekk humiex eliġibli jew le qabel jiġu ikkuntatjati minn naħa tas-Seg.Eżek. għal konferma li jixtiequ jkunu parti minn dan il- proġett.

Punt 4.11 – wara li is-Sur Pawlu Bongailas qara estratt mill-punti dwar ir-Regolamenti dwar Ġieħ u Unur il-Kalkara, il-Kunsill kollu qabel illi każijiet bħal residenti li ġew nieqsa fis-snin li għaddew li baqgħu imsemmijin għal ħidma tagħhom fil- lokal jew baqgħu imsemmijin għal atti erojċi li setgħu għamlu għandhom jiġu

ikkonsidrati mis-Sotto Kumitat ta' l-istess Jum il-Kalkara biex ikunu jistgħu jingħataw rikonoxximent għal dak li baqgħu imsemmijin għalih fil-Kalkara.

Punt 6.2 - Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill illi fuq suġġeriment tal-Kunsiliera Maria Sultana biex jitellgħu bnadar mir-residenti f'Jum il-Kalkara u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku Chris Bruno li għandha tiġi ċċekjat il-protokol dwar il- bnadar, kisbet informazzjoni illi fil-lokal 2 persuni biss għandhom Bandiera tal-lokal.

Il-Kunsill kollu qabel illi xorta għandha tintbgħat ittra lir-Residenti kollha biex minn ikollu xi arblu 'mtella f'Jum il-Kalkara, ikun imħeġġeġ li jtellgħa Bandiera Maltija biex b'hekk il-lokal jidher isbaħ għal din il-ġurnata tant speċjali għalina l-Kalkariżi.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi wara li kienet inħarġet l-espressjoni t'interess maż-żewġ kuntratturi eżistenti rigward l-iskart separat u il-'bring in sites', kuntrattur wieħed biss wera nteress u sottomessa id- dokumenti neċessarji. Dan huwa il-'Green Pak', il-kuntrattur li diġa konna qegħdin naħdmu miegħu fis- snin li għaddew, b'hekk fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jiġedded il-kuntratt tal- Kunsill Lokali Kalkara biex b'hekk ikompli għaddej ix-xogħol fil- lokal.

4.2.Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi wara ix-xogħol li sar mill-ħaddiema manutenzjali tal-Kunsill fit-taraġ ta' Santa Filumena, xi residenti ta' l-inħawi talbu li jiżdied il-poġġaman fl-istess taraġ.

Il-Kunsill kollu qabel li jsir il-poġġaman.

4.3.Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill kollu illi aktar qabel fix-xahar ta' Jannar saru l-ewwel lot ta' intervisti biex tiġi mgħażula persuna li ser tkun qed tieħu post lil Ms.DeGiovanni li kienet ser tispiċċa bl-eta' mill-Kunsill Lokali Kalkara.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi kienet bgħatet email lill- E.T.C. biex tintbgħat lista oħra minn fejn hi tista tagħżel biex isiru it-tieni lot ta' intervisti biex b'hekk ikun jista jkollha għażla aktar vasta minn fejn hi tista tagħżel l-impjegat/a, eleġibli għal dan il-post.

4.4Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi hemm persuna mill- lokal illi offra illi jaħdem il-bieb tal- istore il-ġdid tal- Kunsill mingħajr ebda ħlas manwali imma ħlas biss tal- materjal minn naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel dwar dan bil patt u l- kundizzjoni li din il- persuna tikteb bil miktub illi dan ix-xogħol ser isir volontarjament mingħajr mal-Kunsill ikollu ebda obligazzjonijiet lejh.

4.5Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar talba għal mera ġewwa Triq il- Kapuċċini minngħand resident li saħaq illi qed tkun diffiċli li joħroġ mill- garaxx.

Twaħħil għal din il-mera ġie oġġezjonat wara li l- Kunsilliera ivvutaw hekk: 1 Kunsillier favur, 2 Kunsilliera kontra u Kunsillier astjena.

4.6 Is-Seg.Eżek qrat 'Memo' 1.2016 rigward rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) 2014 mibgħuta mid-Dipartiment bl-istruzzjonijiet ċari biex din l-istess 'Memo' tinqara waqt Seduta biex il- Kunsilliera jkunu jafu il-kontenut tagħha.

Is-Seg.Eżek. saħqet illi il-biċċa tar-rapport rigward il-Kalkara ġie innutat minn naħa tagħha u ser tkun qed tagħmel l-aħjar li tista biex in-notifiki negattivi ta' dan ir-rapport jiġu mħarsa u irranġati minn naħa tagħha fis-snin li ġejjin.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku ippreżentat il-'Performance Bonus' tal-impjegati għas Sena 2015 fejn il-Kunsilliera qablu unanimament illi għandhom jieħdu il-persentaġġi imsemmija fid-dokument anness ma dawn il-Minuti. ( ara dokument anness)

5.2 Is-Sindku infurmat lill- Kunsill dwar żewġ residenti tal-lokal, fejn avviċinawha u saħqu illi huma ħerqana li jaħdmu b'mod Volontarju ġewwa il-Ġonna tal-Lokal.

Il-Kunsilliera qablu dwar dan u wrew apprezzament sħiħ lejn dawn iż-żewġ persuni.

5.3 Is-Sindku infurmat il- Kunsill illi ser ikun qed jerġa jsir il-kors tal-'Healing and Herbalism' fil-jiem li ġejjin bħal ma kien diġa sar fis-sena 2015.

Il-Kunsilliera Maria Sultana kif ukoll il-Viċi Sindku Christ Bruno issuġerew illi l-Poster tal- kors jiġi mwaħħal l-iskola kif ukoll jiġi mgħarraf il-Kappillan tal-Parroċċa kif ukoll il-Knisja ta' Sta.Liberata biex b'hekk jinfurmaw in-nies b'dan l-istess kors u l-attendenza tkun ikbar.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-ħarġiet li ser tkun qed torganizza imsemmijin hawn taħt :

Żjara lill-E.T. Il-President ta' Malta (2/2/2016).
Ħarġa Kulturali lill irġiel Wied Inċita (24/2/2016).
Ħarġa għal Familja u Anzjani (9/3/2016).

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 <u>Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti</u>

1. Is-Sur Bruno saħaq illi importanti ħafna li l- Funtana tax-Xatt tintefa mill-ewwel fil-maltemp speċjalment meta jkun ħafna riħ.

2. Is-Sur Bruno talab illi jiġi irringrazzjat il- kuntrattur li kien qed jaħdem ġewwa Triq Patri Mattew Sultana minħabba il fatt illi irranġa l-inħawi tal- madwar fejn kien qed jaħdem għas-spejjes tiegħu.
3. Is-Sur Bruno talab il-Kunsill biex naħdmu flimkien u tiġi organizzata attivita' għal tifel żgħir mill-Kalkara li għanda bżonn il-finanzi

minħabba mard kiefer u minhabba li ser jagħmel perjodu twil l-Ingilterra għal kura. Huwa issuġerixxa li terġa tiġi organizzata mixja madwar il-lokal fejn tinġabar donazzjoni mill- parteċipanti li fl-aħħar mill-aħħar tiġi ppreżentata lil din il- persuna fil-bżonn.

Il-Kunsill qabel dwar dan kif ukoll fil-ġranet li ġejjin kulħadd ser ikun qed jgħati suġġerimenti kif din il-mixja tiġi imżewwqa b'affarijiet oħra biex b'hekk jiġu mħeġġa aktar nies jipparteċipaw.

Din il-mixja ser tiġi organizzata fit-3 t'April 2016

6.2 **Il-<u>Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti</u>**

1. Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn illi l-parkeġġi li hemm fi Triq Rinella jerġgħu jiġu miżbugħa kif kien oriġinarjament qabel ma saret t-Triq mill-ġdid minħabba it-tgerfix ta' karozzi li qed ikun hemm.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat email lill- kuntrattur li għamel iż-żebgħa tal-parkeġġi wara li saret it-Triq.

2. Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi kienet qed taħdem fuq l-attivita' tal-Karnival biex b'hekk tkun ta' suċċess.

3. Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn jiġu ikkordinati żewġ laqgħat fir- rigward ta' Ġnien Nicole Zahra biex b'hekk kulħadd jgħati is-sehem tiegħu għat- tisbiħ u użu ta' dan il- ġnien kemm minn naħa tal-Kunsill kif ukoll minn naħa ta' l-iskola Primarja tal-lokal.

Promozzjoni minn naħa tal-GreenPak ġewwa l-iskola Primarja biex b'hekk inkabbru l-għarfien tat-tfal dwar skart riċiklabbli.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb li jiġu ikkordinati dawn il-laqgħat fil-ġranet li ġejjin.

6.3 **Il-Kunsillier Is-Sur Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti**

4. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn li kull Kunsillier jibgħat l-informazzjoni lis-Seg.Eżek. li jrid jiġi inkluż fil-leaflet li ser ikun qiegħed jitqassam fid-djar qabel l-Għid bħal kull sena.

5. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis- Seg.Eżek. biex tipprepara ittra lir- residenti li joqgħodu fil-'Housing Estate' minħabba il fatt illi qed ikun hemm konfużjoni ta' boroż griżi u suwed fl-iskip ta' l-istess inħawi, kif ukoll jiġi avżat il-kollettur ta' l-iskart riċiklabbli biex il-boroż il-ħodor jibdew jinġabru bir- runner minn wara il-bieb tar-residenti. Fl-ittra li ser tkun qed tintbgħat ukoll irid jiġi mfakkar illi ir-residenti huma fiċ-ċans li jirbħu mal-'GreenPak' jekk iħallu il-boroż ta' l-iskart riċiklabbli wara il-bieb bħala inċentiv.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 25 ta' Frar 2016 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**